MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.
MICHAEL MALLIA**

Seduta tat-8 ta' Gunju, 2004

Avviz Numru. 431/2003

**Maltacom p.l.c.**

**vs**

**Maria Tereza sive Martese Antonelli**

**Il-Qorti,**

Wara li rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tal-konvenuta ghall-hlas tas-somma ta' elf, hames mija u hamsa u erbghin lira Maltin u disgha u ghoxrin centezmu (Lm1,545.29) rapprezentanti ammont dovut mill-konvenuta lis-socjeta' attrici in konnessjoni ma' servizz telefoniku bin-numru 21310726 (akkont numru 40000789). Skond diversi kontijiet lilha mibghuta, prospett anness u mmarkat Dok A.

Bl-ispejjez komprizi dawk ta' l-Avviz ghas-smiegh u ta' l-ittra ufficjali u tat-taxxa fuq id-drittijiet professjonali u bl-imghaxijiet kontra l-konvenuta li giet ingunta ghas-subizzjoni.

Wara li rat in-Nota tal-mistoqsijiet tas-socjeta’ attrici sabiex il-konvenuta twiegeb ghalihom bil-gurament u b’hekk il-kreditu jigi pruvat (Art. 698(2) u 702 Proc. Civili);

Billi ghalkemm notifikata regolarment il-konvenuta naqset u ma dehritx, la fil-31 ta’ Mejju, 2004, meta gew ipprezentati l-kapitoli u lanqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Tiddeciedi billi tilqa’ t-talba attrici bl-ispejjez kontra l-konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------